# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 336

KAZ NRU. 472

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Charles Bonello

u

Med Dental Ltd
kif rapprezentata minn
Dottor Pascal Demajo

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 14 ta' Settembru, 1989

Chairman: Anthony Farrugia L.P.

## 1. PRELIMINARI

Illi permezz ta' ittra tat-23 ta' Awissu, 1988, l-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali rrifera din il-Kwistjoni tax-Xoghol ghad-decizjoni tat-Tribunal taht l-Artikolu 28(2) ta' l-Att ta' l-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266).

Illi ghall-appellant deher is-sur Norman Rossignaud u ghall-Kumpanija appellata deher is-sur Noel Scerri.

Illi l-appellant fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz ("Statement of Case") qed jallega li t-tkeccija mill-impieg hi ngusta u in sostenn qed jallega li l-Principal, Dottor Pascal Demajo, kien jiddiskrimina kontra tieghu bil-ghan uniku li jgieghel lill-istess appellant biex jitlaq minn mal-Kumpanija; kien biddillu x-xoghol specjalizzat li l-appellant kien tghallem jaghmel minghand il-propjetarji predecessuri germanizi u bhala konsegwenza ta' dan it-tibdil l-appellant sofra nuqqas

.../2

kbir fis-salarju li, hafna drabi, l-appellant kien ukoll idum biex jithallas; kien ittanta bosta drabi jittrasferixxi lill-appellant, minghajr raguni, ghall-klinika privata tieghu fil-Belt; kien iddikjara quddiem it-'technicians' l-ohra li ried itemm l-impieg ta' l-appellant u li, jekk irid, l-istess appellant sata' jfittex lill-istess appellat bil-Qorti; li gurnata wahda l-appellant gie ordnat biex mill-post tas-soltu fin-Naxxar imur jahdem fil-laboratorju fil-Belt u l-appellant irrifjuta li jaghmel dan ghaliex dan l-istess laboratorju ma' kienx jappartjeni lill-Kumpanija Med Dental Limited, li maghha kien impjegat l-appellant izda kien tal-familja Demajo u talab li dan it-Tribunal jiddeciedi li t-tkeccija mill-impieg ta' l-appellant minn mal-Kumpanija kienet ingusta u ghalhekk l-istess Kumpanija tigi ordnata:-

(a) illi terga' ddahhal lura fl-impieg lill-appellant;

(b) illi thallas lill-appellant il-paga li ghadha dovuta ghal xoghol li hu ghamel ma' tul April u Mejju, 1988 kull ammont li gie mghoti nieqes mis-salarju tieghu u hlas ghal-'leave' akkumulat;

(c) illi thallas lill-appellant il-paga u l-kummissjonijiet li kien jircievi li kieku baqa' fl-impieg, inkluz il-'bonus' dovut bil-ligi, sa' dik il-gurnata meta jerga' jirritorna ghax-xoghol; u

(d) illi l-Kumpanija tkun obligata thallas is-sehem taghha tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Nazzjonali ghall-istess perjodu.

Illi l-Kumpanija appellata fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz (Statement of Case) taghha qed tallega li din il-Kwistjoni tax-Xoghol hi konsegwenza tar-rifjut ingustifikat ta' l-appellant li

jahdem fil-laboratorju taghha fil-Belt wara ordni li nghatatlu minhabba l-esigenzi tax-xoghol ta' l-istess Kumpanija; li l-Kumpanija ma' hadet ebda pass biex tkecci lill-appellant pero' infurmatu li jekk ried jibqa' jahdem mal-Kumpanija kellu jirraporta ghax-xoghol fil-laboratorju taghha l-Belt; li l-appellant ma' rrapurtax aktar ghax-xoghol la n-Naxxar u l-anqas il-Belt u talbet li t-talbiet ta' l-appellant jigu michuda ghax l-allegazzjoni tieghu li kien hemm tkeccija ngusta mill-impieg da parti tal-Kumpanija hi kompletament infondata u minghajr ebda bazi.

Illi t-Tribunal wara li ezamina u kkunsidra l-atti kollha ta' din il-Kwistjoni tax-Xoghol u wara li sama' l-provi kollha migjuba kif ukoll is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet jinsab fil-qaghda li jiddeciedi din il-Kwistjoni tax-Xoghol kif sejjer jinghad.

2. PROVI

Mill-kumpless tal-provi jirrizulta illi:-

1. L-appellant Charles Bonello fl-1 ta' Gunju, 1979 beda jahdem bhala "dental technician" mal-kumpanija appellata li dak iz-zmien, is-sidiem taghha kienu cittadini tedeski u li l-post tax-xoghol kien fin-Naxxar; flimkien ma l-appellant kien hemm jahdmu wkoll iz-zewg "dental technicians" Emanuel Dimech u Pierre Zammit li ghadhom hemm sal lum;

2. f'Marzu, 1985 id-dentist Dottor Pascal Demajo, li min issa 'l quddiem jibda jissejjah 'il-Principal' sar proprjetarju uniku ta' l-istess kumpanija;

3. fit-13 ta' Mejju, 1988 l-appellant gie ordnat mill-Principapl biex, mill-gurnata tat-Tnejn ta' wara, cioe' mis-16 ta' l-istess xahar, jibda jmur jahdem fil-laboratorju tal-kumpanija li jinsab fuq il-bejt ta' 'block' ta' appartamenti fi Triq Merkanti, il-Belt u li ghal hafna snin ifforma parti mill-klinika "Demajo Dental Clinic" li kienet tappartjeni lid-dentisti Dottor Anthony u Thomas Demajo, rispettivament missier u z-ziju tal-Principal;

4. meta rcieva din l-ordni l-appellant ma' rrisponda xejn ghaliex ma riedx imur jahdem il-Belt ghar-raguni li hu kien jirritjeni li l-imsemmi laboratorju ma kienx jifforma parti mill-kumpanija li maghha hu kien impjegat;

5. it-Tnejn, 16 ta' Mejju 1988, minflok mar jahdem il-Belt, kif kien ordnat jaghmel, l-appellant irraporta ghax-xoghol in-Naxxar bhas-soltu fejn hadem biss ghal ftit hin ghaliex il-Principal baqa' jinsisti li l-appellant imur jahdem il-Belt; **wara** dan il-ftit hin xoghol fin-Naxxar, l-appellant ma rrapurtax aktar ghax-xoghol la n-Naxxar u l-anqas il-Belt;

6. minnufih infethet korrispondenza bejn il-konsulent legali ta' l-appellant u l-Principal u l-konsulent legali tieghu; infethet ukoll korrispondenza mad-Direttur tax-Xoghol u Emigrazzjoni li gie mitlub biex jintervjeni biex din il-kwistjoni tax-Xoghol tigi solvuta fl-interess taz-zewg partijiet;

7. minkejja l-isforzi kollha li saru ma kien hemm ebda rizultat posittiv u ghalhekk l-appellant irrikorra quddiem dan it-Tribunal.

3. KONSIDERAZZJONIJIET

F'din il-Kwistjoni tax-Xoghol irid jigi rispettat il-principju fundamentali li 'min jallega jrid jipprova' u ghalhekk il-piz tal-prova li l-appellant gie mkecci mill-impieg tieghu mal-kumpanija ngustament jaqa' kollu u biss fuq l-istess appellant: hu l-appellant li jrid isostni l-allegazzjoni tieghu bil-provi. Fuq dan il-punt ara decizjoni Numru 329 "Marisa Theuma vs Sportiva Limited".

Wara li ezamina l-provi kollha migjuba, it-Tribunal ihoss li l-appellant ma ippruvax li kien hemm tkeccija ngusta ghas-semplici raguni li lanqas ipprova li kien hemm tkeccija cioe' li l-impieg tieghu mal-kumpanija gie terminat mill-Principal.

L-appellant ma pprova b'ebda xhud li kien il-Principal li keccieh; lanqas iz-zewg 'dental technicians' imsemmija ma xehdu f'dan is-sens; anzi huma cahdu c-certu diskors li l-appellant allega li kienu qalulu li huma kienu semghu minghand il-Principal u li l-appellant ikkunsidra bhala parti minn pjan progettat mill-istess Principal biex jitterminalu l-impieg.

Ghal kuntrarjuproprju l-istess appellant, sa mill-bidu nett fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz (statement of case) tieghu, wara li ddikjara li "l-ahhar gurnata xoghol mal-Kumpanija Med Dental Limited kienet il-15 ta' Mejju, 1988" data ovvjament hazina ghaliex il-15 ta' Mejju, 1988 kienet gurnata tal-Hadd, ammetta li rrifjuta li jmur jahdem fil-"band ohra", dan ikkonfermah waqt ix-xhieda tieghu meta wara li gie mistoqsi ghaliex ma kien irrisponda xejn meta l-Principal kien ordnalu biex imur jahdem il-Belt, xehed

testwalment: "Ghaliex jien ma ridtx immur il-Belt" u fil-fatt, kif ga nghad wara s-16 ta' Mejju, 1988, l-appellant ma rraporta ghax-xoghol la il-Belt u l-anqas in-Naxxar.

L-ewwel raguni li l-appellant ta' ghal dan ir-rifjut kienet li hu kien jirritjeni li l-imsemmi laboratorju ma kienx jifforma parti mill-Kumpanija li kienet timpjegah u dan wara ricerka li, flimkien mal-konsulent legali tieghu, kienu ghamlu fl-Ufficcju tas-Socjetajiet. Il-versjoni ta' l-appellant dwar meta saret din ir-ricerka ma tantx hi attendibbli.

M'hi xejn procedura normali li wiehed li jkun sejjer jigi mpjegat qabel ma jibda jahdem f'xi post jivverifika jekk dak il-post tax-xoghol jappartjenix lil min ikun sejjer jimpjegah; dan qabel mieghu l-istess appellant li, fuq domanda tat-Tribunal jekk fil-kaz ta' l-impiegi precedenti hu kienx ghamel l-istess verifika, irrisponda fin-negattiv.

Raguni ohra li harget waqt ix-xhieda ta' l-appellant kienet li l-ambjent ta' l-imsemmi laboratorju kien jaghmel hsara lil sahtu; b'dana kollu l-istess appellant dam jahdem f'dan l-istess laboratorju ghal disa'(9) snin shah u dan kien hafna snin qabel ma gie ordnat biex imur jahdem fih mill-Principal u li minn dak iz-zmien l'hawn setghu saru xi miljoramenti fl-istess laboratorju dejjem jekk dawn kienu mehtiega. Dejjem gie ritenut li t-tqassim ta' l-impjegati fuq il-post jew postijiet tax-xoghol hi kemm dritt kif ukoll prerogattiva tal-'management', li l-appellant deherlu li kellu juzurpa billi jiddeciedi hu fejn jahdem u mhux joqghod ghad-decizjoni tal-Principal.

Meta l-appellant ircieva l-ordni biex mis-16 ta' Mejju, 1988 jibda jahdem fl-imsemmi laboratorju, lanqas baga li messu, anzi li kellu fid-dmir li jaghmel, kienet li jobdi l-ordni u jmur jahdem fejn kien gie ordnat li jmur; jekk wara li jkun ghamel dan ikun sab xi kundizzjonijiet jew hwejjeg ohra li ma jkunux ghogbuh jew li setghu kienu ta' hsara ghal sahtu, iddiskutihom mal-Principal.

Minflok ghamel hekk, l-appellant iddecieda li ma jmurx aktar ghax-xoghol f'ebda wiehed miz-zewg postijiet imsemmija bil-konsegwenzi derivanti minn dan l-agir tieghu.

4. DEÇIZJONI

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jiddeciedi din il-Kwistjoni tax-Xoghol billi jiddikjara li l-appellant ma' ppruvax li kien hemm tkeccija ngusta ghas-semplici raguni li l-anqas ipprova li kien hemm tkeccija cioe' li l-impieg tieghu mal-kumpanija gie terminat mill-Principal u jichad it-talbiet ta' l-appellant kif migjuba minnu fid-"Dikjarazzjoni tal-Kaz" ('Statement of Case').

Ghall-finijiet tar-Regolamenti ta' l-1986 dwar Drittijiet li Jithallsu (A.L. 48 ta' l-1986) maghmula taht l-imsemmi Att, it-Tribunal qed jintaxxa, ghal kull wiehed miz-zewg persuni li dehru ghaz-zewg partijiet, id-drittijiet fis-somma ta' erbghin liri maltin (LM40).

B'hekk dan it-Tribunal itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

ANTHONY FARRUGIA
CHAIRMAN

ALDO TESTONE
SEGRETARJU

/ms